MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 816/2011

**SM (Marketing) Ltd (C-41560)**
**Vs**
**Zia Noor**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn, tmien mija, tnejn u ghoxrin ewro u tmienja u tletin centezmu (€2,822.38) rapprezentanti bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-intimat fuq talba tieghu stess.

Bl-imghax mid-data ta' kull konsenja u bl-ispejjez inkluzi dawk tal- ittra legali tad-29 ta' Gunju, 2011 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment mal-prezenti kawza kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni tieghu.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma ppreżentax risposta għalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher għas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl- 4 ta' Novembru, 2011 mill-Avukat Stefan Camilleri u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------